SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

3 ta' Lulju 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Valur taxxabbli – Tnaqqis – Prinċipju ta' newtralità fiskali – Kuntratt ta' leasing finanzjarju xolt minħabba nuqqas ta' pagament tal-iskadenzi – Avviż ta' reviżjoni – Kamp ta' applikazzjoni – Tranżazzjonijiet taxxabbli – Provvista ta' oġġetti mwettqa bi ħlas – Pagament ta' "kumpens" ta' xoljiment sat-tmiem tal-kuntratt – Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja"

Fil-Kawża C-242/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Varhoven administrativen sad (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Bulgarija), permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' April 2018, fil-proċedura

"UniCredit Leasing" EAD

vs

Direktor na Direktsia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" – Sofia pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite (NAP),

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn J.-C. Bonichot (Relatur), President ta' Awla, C. Toader, A. Rosas, L. Bay Larsen u M. Safjan, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal "UniCredit Leasing" EAD, minn I. Dimitrova u M. Raykov, advokati,

– għad-Direktor na Direktsia "Obzhalvane i danachno-osiguritelna praktika" – Sofia pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite (NAP), minn N. Kalistratov, bħala aġent,

– għall-Gvern Bulgaru, minn E. Petranova u T. Mitova, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn R. Lyal, Y. Marinova u P. Mihaylova, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru.

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 90 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-VAT").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn "UniCredit Leasing" EAD (iktar 'il quddiem "UniCredit"), minn naħa, u d-Direktor na Direktsia "Obzhlavane i danachno-osiguritelna praktika" – Sofia pri Tsentralno upravlenie na Natsionalnata agentsia za prihodite (NAP) (id-Direttur tad-Direttorat "Appell u Prassi fil-Qasam ta' Tassazzjoni u ta' Sigurtà Soċjali" ta' Sofia tal-Aġenzija Nazzjonali tad-Dħul Pubbliku (NAP), il-Bulgarija) (iktar 'il quddiem id-"Direktor"), min-naħa l-oħra, dwar ir-rifjut ta' dan tal-aħħar li jawtorizza regolarizzazzjoni tal-ammont tat-taxxa fuq il-valur miżjud (iktar 'il quddiem il-"VAT") tal-input imħallsa u relatata mal-iskadenzi mhux imħallsa ta' kuntratt ta' leasing finanzjarju.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

L-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija mal-Unjoni Ewropea

3 Skont l-Artikolu 2 tal-Att dwar il-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU 2005, L 157, p. 203):

"Mid-data ta' l-adeżjoni, id-disposizzjonjiet tat-Trattati oriġinali u l-atti adottati mill-istituzzjonijiet u l-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-adeżjoni għandhom jorbtu lill-Bulgarija u lir-Rumanija u għandhom japplikaw f'dawk l-Istati bil-kondizzjonijiet kif elenkati f'dawk it-Trattati u f'dan l-Att."

Id-Direttiva dwar il-VAT

4 L-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva dwar il-VAT jipprovdi:

" It-transazzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għall-VAT:

a) il-provvista ta' merkanzija magħmula bi ħlas fit-territorju ta' Stat Membru minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali".

5 L-Artikolu 14 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"1. 'Provvista ta' merkanzija' [kunsinna ta' oġġetti] għandha tfisser it-trasferiment tad-dritt ta' sid li jiddisponi minn proprjetà tanġibbli.

2. Flimkien mat-transazzjonijiet imsemmija fil–paragrafu 1, kull waħda minn dawn li ġejjin għandha tiġi kkunisdrata bħala provvista ta' merkanzija:

a) it-trasferiment, b'ordni ta' jew f'isem awtorità pubblika jew skond il-liġi, tad-dritt ta' proprjetà bi ħlas ta' kumpens;

b) il-konsenja materjali ta' merkanzija skond kuntratt għall-kiri ta' merkanzija għal ċertu żmien, jew għall-bejgħ ta' merkanzija magħmul bi ħlas akkont, li jipprovdi li normalment proprjeta' għandha tgħaddi mhux aktar tard minn meta jsir l-aħħar ħlas akkont;

c) it-trasferiment ta' merkanzija skond kuntratt li bih titħallas kummissjoni meta jsir xiri jew bejgħ.

3. L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw l-għotja ta' ċertu xogħlijiet ta' kostruzzjoni bħala provvista ta' merkanzija."

6 L-Artikolu 63 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"Għandu jkun hemm avveniment li jagħti lok għal ħlas u l-VAT għandha tiġi imposta meta l-merkanzija jew is-servizzi huma pprovduti."

7 L-Artikolu 73 tal-istess direttiva jipprevedi:

"Fir-rigward tal-provvista ta' merkanzija jew servizzi, minbarra kif imsemmi fl-Artikoli 74 sa 77, l-ammont taxxabbli għandu jinkludi dak kollu li jikkostitwixxi ħlas miksub jew li għandu jinkiseb mill-fornitur, għall-provvista, mill-konsumatur jew parti terza, inklużi s-sussidji marbuta direttament mal-prezz tal-provvista."

8 L-Artikolu 90 tad-Direttiva dwar il-VAT huwa fformulat kif ġej:

"1. Fil-każ ta' kanċellazzjoni, ċaħda jew nuqqas ta' pagament totali jew parzjali, jew fejn il-prezz hu mnaqqas wara li l-provvista tkun saret, l-ammont taxxabbli għandu jiġi ridott għaldaqstant skont kondizzjonijet li jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. Fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas totali jew parzjali, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw mill-paragrafu 1."

9 L-Artikolu 273 tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri jistgħu jimponu obbligi oħrajn li jidhrulhom meħtieġa biex jiżguraw il-ġbir korrett ta' VAT u biex ma ssirx frodi, soġġett għall-ħtieġa ta' trattament indaqs bejn transazzjonijiet domestiċi u transazzjonijiet li jsiru bejn Stati Membri minn persuni taxxabbli u sakemm dawn l-obbligi, fin-negozju bejn Stati Membri, ma jagħtux lok għal formalitajiet konnessi mal-qsim ta' fruntieri.

L-għażla skond l-ewwel paragrafu ma tistax tintuża biex timponi obbligi tal-fatturazzjoni addizzjonali aktar minn dawk stabbiliti fil-Kapitolu 3".

Id-dritt Bulgaru

10 Skont l-Artikolu 6 taż-Zakon za danak varhu adovenata stadost (il-Liġi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud) (DV Nru 63 tal-4 ta' Awwissu 2006, fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2007, iktar 'il quddiem iż-"ZDDS"):

"(1) 'Provvista ta' oġġetti' fis-sens ta' din il-liġi tfisser it-trasferiment tad-dritt għall-proprjetà jew ta' dritt reali ieħor fuq l-oġġetti.

(2) Għall-finijiet ta' din il-liġi, jitqies ukoll bħala 'provvista ta' oġġetti':

[…]

3. (kif emendat mid-DV Nru 101 tal-2013, fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2014) Il-provvista effettiva tal-oġġetti b'eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' leasing finanzjarju li jipprevedi espliċitament it-trasferiment tad-dritt għall-proprjetà fuq dawn l-oġġetti; din id-dispożizzjoni għandha tapplika wkoll meta l-kuntratt ta' leasing finanzjarju jipprevedi biss għażla ta' trasferiment tal-proprjetà fuq l-oġġetti u li s-somma tal-kirjiet dovuti skont l-imsemmi kuntratt, mingħajr l-interessi taħt il-punt 1 tal-Artikolu 46(1), tkun identika għall-prezz normali tal-oġġetti fid-data tal-provvista […]."

11 L-Artikolu 115 taż-ZDDS jipprevedi:

"(1) Fil-każ ta' bidla fil-valur taxxabbli jew fil-każ ta' xoljiment ta' provvista li fir-rigward tagħha tkun inħarġet fattura, il-fornitur għandu joħroġ nota relatata ma' din il-fattura.

(2) (issupplimentat bid-DV Nru 97 tal-2016 fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2017) In-nota għandha tinħareġ fi żmien ħamest ijiem mill-avveniment imsemmi fil-paragrafu 1, u meta tkun tikkonċerna provvista li għaliha tkun inħarġet fattura, li tindika l-VAT iffatturat fuq il-ħlas ta' akkont, fi żmien ħamest ijiem mid-data tar-rimbors, tal-kumpens jew mill-ħlas b'mod ieħor tal-ammont tal-akkont previst, għall-ammont irrimborsat, ikkumpensat jew imħallas b'mod ieħor.

(3) Tinħareġ nota ta' debitu fil-każ ta' żieda fil-valur taxxabbli u tinħareġ nota ta' kreditu fil-każ ta' tnaqqis fil-valur taxxabbli jew fil-każ ta' xoljiment tat-tranżazzjoni.

(4) Minbarra l-elementi essenzjali msemmija fl-Artikolu 114, nota relatata ma' fattura għandha tispeċifika b'mod obbligatorju:

1. in-numru u d-data tal-fattura li għaliha tinħareġ in-nota;

2. ir-raġuni għall-ħruġ ta' din in-nota;

(5) Nota għandha tinħareġ f'tal-inqas żewġ kopji: waħda għall-fornitur u oħra għad-destinatarju.

(6) Fil-każ ta' annullament jew ta' xoljiment ta' kuntratt ta' leasing finanzjarju msemmi fil-punt 3 tal-Artikolu 6(2), il-fornitur għandu joħroġ nota ta' kreditu li tikkorrispondi għad-differenza bejn il-valur taxxabbli relatat mal-provvista fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 6(2), u l-ammont li jifdal taħt l-imsemmi kuntratt, nett mill-VAT skont din il-liġi.

(7) (ġdid, DV Nru 94 tal-2012, fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2013) In-nota li tikkonċerna fattura tista' ma tinkludix l-elementi essenzjali msemmija fil-punti 12, 14 u 15 tal-Artikolu 114(1), ħlief meta tikkonċerna tranżazzjoni li l-post ta' eżekuzzjoni tagħha jkun fit-territorju ta' Stat Membru, tranżazzjoni intra-Komunitarja u bejgħ ta' oġġetti b'distanza."

12 L-Artikolu 116 taż-ZDDS jipprovdi:

"(1) Ma jistgħux isiru rettifiki lil jew żidiet mal-fatturi u man-noti relatati magħhom. Id-dokumenti mħejjija jew irrettifikati b'mod żbaljat għandhom jiġu annullati u għandhom jinħarġu dokumenti ġodda.

(2) Huma kkunsidrati wkoll bħala dokumenti mħejjija b'mod żbaljat il-fatturi maħruġa u n-noti relatati magħhom li fuqhom ma hijiex indikata l-VAT meta fil-fatt din kellha tkun indikata.

(3) Huma kkunsidrati wkoll bħala dokumenti mħejjija b'mod żbaljat il-fatturi maħruġa u n-noti relatati magħhom li fuqhom hija indikata l-VAT meta fil-fatt din ma kellhiex tkun indikata.

(4) Meta dokumenti mħejjija b'mod żbaljat jew irrettifikati jiddaħħlu fir-rekords tal-kontabbiltà tal-fornitur jew tad-destinatarju, sabiex jiġu annullati, huwa meħtieġ li jitfassal, għal kull waħda mill-partijiet, proċess verbal li jindika:

1. il-motiv tal-annullament;

2. in-numru u d-data tad-dokument annullat;

3. in-numru u d-data ta' ħruġ tad-dokument il-ġdid;

4. il-firma tal-persuni li jkunu ħejjew il-proċess verbal għal kull waħda mill-partijiet.

(5) Il-kopji kollha tad-dokumenti annullati għandhom jinżammu mill-emittent u għandhom jiġu rreġistrati fil-kontabbiltà tal-fornitur u tad-destinatarju skont ir-regolament ta' implimentazzjoni tal-liġi."

13 Il-paragrafu 9 tad-dispożizzjonijiet tranżitorji u finali taż-ZDDS jipprovdi:

"(1) Meta, permezz ta' kuntratt ta' leasing finanzjarju, tkun effettivament twettqet il-provvista tal-oġġetti qabel id-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi, il-pagamenti sussegwenti kollha (pagamenti mensili ta' rimborsi) fl-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt dovuti wara d-dħul fis-seħħ [taż-ZDDS] għandhom jiġu kkunsidrati bħala tranżazzjonijiet individwali, li l-avveniment li jagħti lok għall-ħlas tagħhom iseħħ fid-data tal-ħlas, jew, jekk tkun qabel, fid-data li fiha l-kuntratt ikun sar eżiġibbli.

(2) Il-paragrafu 1 għandu japplika biss jekk, fi żmien xahar mid-dħul fis-seħħ [taż-ZDS], il-persuna taxxabbli (il-fornitur) jippreżenta lid-direttorat territorjali tal-Aġenzija Nazzjonali tad-Dħul li huwa jkun irreġistrat miegħu lista li għandha tinkludi b'mod obbligatorju l-informazzjoni li ġejja:

1. id-destinatarju skont il-kuntratti msemmija fil-paragrafu 1;

2. in-numru u l-ammont tal-pagamenti mensili abbażi tal-kuntratti kollha li għalihom ikun inħareġ dokument fiskali iżda li ma tħallsux;

3. in-numru u l-ammont tal-pagamenti mensili abbażi tal-kuntratti kollha li għalihom l-avveniment li jagħti lok għal ħlas fis-sens tal-paragrafu 1 ser iseħħ wara d-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi.

(3) Fir-rigward tal-kuntratti mhux inklużi f'lista ppreżentata skont il-paragrafu 2, għandu jitqies li, fid-data tad-dħul fis-seħħ [taż-ZDDS], il-persuna taxxabbli twettaq tranżazzjoni fis-sens tal-punt 3 tal-Artikolu 6(2), li l-valur taxxabbli tagħha huwa ekwivalenti għas-somma tal-pagamenti mensili dovuti wara d-dħul fis-seħħ [taż-ZDDS], mingħajr il-VAT dovuta fuqhom."

14 L-Artikolu 128 tad-Danachno-osiguritelnia protsesualen kodeks (il-Kodiċi ta' Proċedura fil-Qasam tat-Taxxi u tal-Kontribuzzjonijiet Soċjali) (DV Nru 105 tad-29 ta' Diċembru 2005, fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2006, iktar 'il quddiem id-"DOPK") jipprevedi:

"(1) L-ammonti indebiti mħallsa jew miġbura, fir-rigward ta' taxxi, kontribuzzjonijiet soċjali obbligatorji, multi u sanzjonijiet pekunjarji imposti mid-Dipartiment tad-Dħul, kif ukoll l-ammonti li jistgħu jiġu rrimborsati mill-Aġenzija Nazzjonali tad-Dħul skont il-leġiżlazzjoni tat-taxxa jew tas-sigurtà soċjali, għandhom jiġu kkumpensati mid-dipartimenti tad-dħul għar-rimbors tad-djun pubbliċi eżiġibbli miġbura mill-Aġenzija Nazzjonali tad-Dħul. Huwa possibbli li jingħata kumpens b'dejn preskritt meta d-dejn tad-debitur ikun sar eżiġibbli qabel ma d-dejn tiegħu jiġi preskritt. […]"

15 L-Artikolu 129 tad-DOPK jipprovdi:

"(1) Il-kumpens jew ir-rimbors jista' jitwettaq fuq l-inizjattiva tal-amministrazzjoni fiskali jew fuq talba bil-miktub tal-persuna kkonċernata. It-talba għal kumpens jew għal rimbors għandha tiġi eżaminata jekk din titressaq fil-ħames snin sussegwenti għall-1 ta' Jannar tas-sena ta' wara dik li fiha jkun seħħ l-avveniment li jagħti lok għar-rimbors, sakemm il-liġi ma tipprovdix mod ieħor.

[…]

(3) (issupplimentat DV Nru 108 tal-2007) L-avviż ta' kumpens jew ta' rimbors għandu jinħareġ f'terminu ta' 30 ġurnata mir-riċezzjoni tat-talba jekk ma jkun ġie ordnat l-ebda kontroll qabel l-iskadenza ta' dan it-terminu. Anki fil-każ ta' kumpens jew ta' rimbors, inkluż meta l-avviż imsemmi fl-ewwel sentenza jkun is-suġġett ta' rikors, id-djun ta' taxxi u ta' kontribuzzjonijiet soċjali obbligatorji jistgħu jkunu suġġetti għal kontroll. Jekk l-avviż ikun is-suġġett ta' rikors kontenzjuż, il-ħruġ ta' avviż ta' reviżjoni huwa possibbli sakemm tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni ġudizzjarja. […]

(7) L-avviżi ta' kumpens jew ta' rimbors jistgħu jiġu kkontestati skont il-modalitajiet ta' appell kontra dawn l-avviżi ta' reviżjoni."

16 L-Artikolu 133 tar-DOPK jipprovdi:

"(1) Dejn ta' taxxi jew ta' kontribuzzjonijiet soċjali obbligatorji kkonstatati minn avviż ta' reviżjoni, li daħal fis-seħħ u li ma kienx is-suġġett ta' rikors ġudizzjarju, jista' jiġi emendat fuq l-inizjattiva tad-Dipartiment tad-Dħul jew fuq it-talba tal-persuna li hija s-suġġett tal-kontroll.

(2) Id-dejn għandu jkun emendat għar-raġunijiet li ġejjin:

1. meta jinqalgħu ċirkustanzi ġodda jew provi ġodda bil-miktub li huma essenzjali sabiex jiġu kkonstatati d-djun ta' taxxi jew ta' kontribuzzjonijiet soċjali obbligatorji li l-persuna, jew id-dipartiment, li ħarġet l-avviż ta' reviżjoni ma setgħetx tkun taf bihom qabel:
   a) il-ħruġ tal-avviż ta' reviżjoni, meta dan l-avviż ma kienx is-suġġett ta' rikors;
   b) id-dħul fis-seħħ tal-avviż ta' reviżjoni, meta dan l-avviż kien is-suġġett ta' rikors.

2. meta jiġi kkonstatat minn qorti debitament adita li l-ispjegazzjonijiet bil-miktub mogħtija minn terz, il-konklużjonijiet ta' esperti, id-dikjarazzjonijiet bil-miktub, li abbażi tagħhom huwa kkonstatat id-dejn tat-taxxa jew tal-kontribuzzjonijiet soċjali obbligatorji, huma foloz jew li d-destinatarju tal-avviż, ir-rappreżentant tiegħu, jew id-Dipartiment tad-Dħul li kien involut fil-konstatazzjoni tat-taxxi jew tal-kontribuzzjonijiet soċjali obbligatorji jew li eżamina r-rikors kontra l-avviż ta' reviżjoni, ikun wettaq reat kriminali.

3. meta l-konstatazzjoni tad-dejn tkun ibbażata fuq dokument debitament irrikonoxxut bħala falz b'mod ġudizzjarju, bħala li fih informazzjoni falza jew li jkun is-suġġett ta' kontrafazzjoni;

4. meta l-konstatazzjoni tad-dejn tkun ibbażata fuq att ta' qorti jew ta' awtorità oħra tal-Istat li sussegwentement ikun ġie annullat;

5. meta avviż ta' reviżjoni ieħor kuntrarju, li jkun daħal fis-seħħ, ikun inħareġ fir-rigward tal-istess djun, għall-istess perijodu u għall-istess persuna taxxabbli. […]"

17 L-Artikolu 134 tad-DOPK huwa fformulat kif ġej:

"(1) (issupplimentat DV Nru 94 tal-2015, fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2016) Id-Dipartiment tad-Dħul li jikkonstata raġuni ta' modifika skont l-Artikolu 133(2) għandu jinforma lid-Direttur Territorjali filwaqt li għandu jiġġustifika l-eżistenza tar-raġuni. Wara li jkun evalwa l-eżistenza ta' raġuni ta' modifika, id-Direttur Territorjali jista' jafda jew jiddeċiedi li jiddelega kontroll li jippermetti l-modifika tad-djun ta' taxxi jew ta' kontribuzzjonijiet soċjali obbligatorji li jkunu diġà ġew iddeterminati.

(2) Persuna kkonċernata tista' tressaq talba bil-miktub quddiem id-Direttur Territorjali, filwaqt li tehmeż il-provi li hija tinvoka.

(3) Il-modifika tiġi permessa jekk id-deċiżjoni li tordna l-kontroll tinħareġ jew it-talba għal modifika titressaq f'terminu ta' tliet xhur mill-għarfien tar-raġuni ta' modifika u qabel it-tmiem tal-perijodu previst fl-Artikolu 109.

(4) Fi żmien 30 ġurnata wara t-tressiq tat-talba msemmija fil-paragrafu 2, id-Direttur Territorjali għandu jordna jew jirrifjuta kontroll permezz ta' deċiżjoni motivata. Għandha tintbagħat kopja tad-deċiżjoni ta' rifjut lill-persuna li tkun ressqet it-talba, f'terminu ta' sebat ijiem minn meta tkun ittieħdet u mhux iktar tard minn erbatax-il ġurnata wara l-iskadenza tat-terminu previst fl-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu.

(5) (emendat DV Nru 30 tal-2006, fis-seħħ mill-1 ta' Marzu 2007). Il-persuna kkonċernata tista' tippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni ta' rifjut f'terminu ta' erbatax-il ġurnata mir-riċezzjoni tad-deċiżjoni, u kontra rifjut impliċitu, f'terminu ta' 30 ġurnata mill-iskadenza tat-terminu għal tweġiba, quddiem il-qorti amministrattiva kompetenti sabiex teżamina r-rikors intiż kontra l-avviż ta' reviżjoni. Ir-rikors għandu jiġi ppreżentat mid-Direttur Territorjali. Il-qorti għandha tiddeċiedi fuq ir-rikors permezz ta' digriet li ma jistax jiġi kkontestat.

(6) Meta jiġi kkonstatat li d-dejn ta' taxxi jew ta' kontribuzzjonijiet soċjali obbligatorji jkun ġie stabbilit għal ammont ogħla jew inqas minn dak li huwa dovut, għandu jinħareġ avviż ta' reviżjoni għad-differenza. Jekk ikun hemm pagament żejjed, dan għandu jiġi kkumpensat jew irrimborsat permezz tal-avviż ta' reviżjoni."

18 L-Artikolu 87 taż-Zakon za zadalzheniata i dogovorite (il-Liġi dwar l-Obbligi u l-Kuntratti) (iktar 'il quddiem iż-"ZZD") jipprevedi:

"(1) Jekk id-debitur f'kuntratt sinallagmatiku jonqos milli jwettaq l-obbligi tiegħu għal raġuni li tkun attribwibbli lilu, il-kreditur jista' jxolji l-kuntratt sakemm ikun intimah sabiex iwettaqhom f'terminu xieraq u jkun infurmah li, mal-iskadenza tiegħu l-kuntratt jiġi kkunsidrat bħala xolt. L-intimazzjoni għandha ssir bil-miktub jekk il-kuntratt ikun ġie konkluż bil-miktub. […]"

19 L-Artikolu 88 taż-ZZD jipprovdi:

"(1) Ix-xoljiment għandu effett retroattiv ħlief fil-każ tal-kuntratti ta' eżekuzzjoni suċċessiva jew perjodika. Il-kreditur għandu d-dritt għal kumpens tad-dannu kkawżat min-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt. […]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

20 Fis-6 ta' Frar 2006, il-kumpannija "BA Kreditanstalt Bulus" EOOD (iktar 'il quddiem "Bulus" jew "sid il-kera"), li fid-drittijiet tagħha daħlet UniCredit, ikkonkludiet ma' "Vizatel" OOD (iktar 'il quddiem "il-kerrej") kuntratt ta' leasing finanzjarju b'għażla ta' xiri, li bis-saħħa tiegħu sid il-kera ntrabat li jixtri biċċa art indikata mill-kerrej, għall-kostruzzjoni fuq din l-art ta' binja u sabiex iqiegħed dan kollu għad-dispożizzjoni tal-kerrej.

21 Dan il-kuntratt ġie konklużż għal perijodu ta' ħdax-il sena li beda jgħaddi mill-bidu tax-xahar sussegwenti għat-trasferiment fiżiku tal-oġġett li huwa s-suġġett tal-kuntratt, b'korrispettiv ta' kera mensili. Dan kien jistipula li sid il-kera seta' jittermina l-kuntratt qabel iż-żmien fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' mill-inqas tliet kirjiet mill-kerrej u jeżiġi l-ħlas ta' kumpens ugwali għas-somma tal-kirjiet kollha mhux imħallsa għat-tul kollu tal-leasing finanzjarju.

22 Fil-5 ta' Diċembru 2006, is-suġġett tal-kuntratt ġie ttrasferit lill-kerrej u fit-28 ta' Diċembru sussegwenti, sid il-kera ħareġ fattura bil-VAT għall-ewwel skadenza. Permezz ta' avviż ta' reviżjoni tal-14 ta' Frar 2008, l-amministrazzjoni fiskali Bulgara kkonstatat dejn tal-VAT ta' Bulus, ikkalkulat abbażi ta' valur taxxabbli ugwali għas-somma tal-kirjiet kollha dovuti tul il-perijodu sħiħ tal-kuntratt, u sussegwentement attribwielha dejn fiskali li din tal-aħħar kellha fir-rigward tal-awtoritajiet tat-taxxa.

23 Għalkemm sid il-kera kompla joħroġ fatturi bil-VAT sad-29 ta' Ottubru 2010 u mbagħad mill-4 ta' Awwissu 2011 sal-31 ta' Awwissu 2012, il-kerrej waqaf iħallas l-iskadenzi dovuti minn April 2009. Minħabba n-nuqqas ta' eżekuzzjoni inġustifikabbli mill-kerrej tal-obbligi tiegħu, Bulus temmet il-kuntratt tal-leasing finanzjarju b'mod unilaterali b'effett mis-6 ta' Ġunju 2015.

24 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li Bulus talbet, lill-amministrazzjoni fiskali Bulgara, ir-rimbors tal-VAT ikkalkulata fl-avviż ta' reviżjoni tal-14 ta' Frar 2008. Madankollu, it-talba tagħha ġiet miċħuda b'deċiżjoni tad-Dipartiment tad-Dħul kompetenti, li ġie kkonfermat mid-Direktor.

25 Bulus ippreżentat rikors kontra din id-deċiżjoni quddiem l-Administrativen sad Sofia (il-Qorti Amministrattiva ta' Sofija, il-Bulgarija), liema rikors ġie miċħud minn din il-qorti.

26 UniCredit, li daħlet fid-drittijiet ta' Bulus, ippreżentat appell kontra din is-sentenza quddiem il-Varhoven administrativen sad (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Bulgarija). B'mod partikolari, hija ssostni li l-Administrativen sad Sofia (il-Qorti Amministrattiva ta' Sofija) kisret id-dritt għat-tnaqqis tal-valur taxxabbli tal-VAT fil-każ ta' xoljiment ta' kuntratt, iggarantit mill-Artikolu 90 tad-Direttiva dwar il-VAT.

27 Il-qorti tar-rinviju tqis li d-dritt għal korrezzjoni tal-valur taxxabbli tal-VAT, meta dan il-valur taxxabbli huwa ddeterminat minn avviż ta' reviżjoni li jkun daħal fis-seħħ, u mhux b'fattura, ma huwiex applikabbli, peress li huwa att amministrattiv li jikkonstata dejn fiskali. Barra minn hekk u anki jekk jiġi preżunt li dan id-dritt għal korrezzjoni huwa applikabbli, għandha ssir distinzjoni bejn, minn naħa, il-perijodu li fih l-iskadenzi tħallsu mill-kerrej u li fir-rigward tiegħu ma hemmx lok li titwettaq korrezzjoni tal-valur taxxabbli tal-VAT u, min-naħa l-oħra, il-perijodu li matulu l-iskadenzi ma tħallsux iktar mill-kerrej sax-xoljiment minħabba nuqqas ta' pagament parzjali u li fir-rigward tiegħu l-istabbiliment mill-ġdid tas-sitwazzjoni preċedenti għall-konklużżjoni tal-kuntratt huwa, skont id-dritt nazzjonali, impossibbli. Barra minn hekk, jekk jiġi preżunt li dan huwa każ ta' nuqqas ta' pagament parzjali, u mhux ta' xoljiment, fis-sens tal-Artikolu 90 tad-Direttiva dwar il-VAT, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li l-ebda dispożizzjoni tad-dritt Bulgaru ma tirregola l-modalitajiet ta' tnaqqis tal-valur taxxabbli ffissat b'avviż ta' reviżjoni fil-każ ta' nuqqas ta' pagament parzjali jew totali.

28 Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-korrezzjoni tal-valur taxxabbli tal-VAT għall-perijodu bejn ix-xoljiment tal-kuntratt fit-terminu previst minnu peress li ma huwiex stabbilit, minn naħa, li s-suġġett tal-kuntratt ingħata lil sid il-kera qabel it-terminu ta' dan il-kuntratt u, min-naħa l-oħra, li

d-djun tal-kerrej tħallsu kollha definittivament b'teħid inkunsiderazzjoni tal-klawżola ta' dan il-kuntratt li jipprevedi l-ħlas lil sid il-kera ta' kumpens fil-każ ta' xoljiment minħabba nuqqas ta' eżekuzzjoni inġustifikabbli.

29 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Varhoven administrativen sad (il-Qorti Amministrattiva Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dispożizzjoni prevista fl-Artikolu 90(1) tad-[Direttiva dwar il-VAT] tippermetti, fil-każ ta' xoljiment ta' kuntratt ta' leasing finanzjarju, it-tnaqqis tal-ammont taxxabbli u r-rimbors tal-VAT, ikkalkolata fuq il-bażi ta' avviż ta' reviżjoni li daħal fis-seħħ, fejn l-ammont taxxabbli jirrappreżenta t-total tal-pagamenti mensili dovuti fir-rigward tal-leasing għall-perijodu kollu tal-kuntratt?

2) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda: fil-każ li l-kuntratt ta' leasing finanzjarju jiġi xolt minħabba n-nuqqas parzjali tal-ħlas tal-pagamenti dovuti fir-rigward tal-leasing, liema waħda mill-ipoteżijiet previsti fl-Artikolu 90(1) tad-[Direttiva dwar il-VAT] tista' tiġi invokata mil-lessor fil-konfront ta' Stat Membru sabiex jikseb it-tnaqqis tal-ammont taxxabbli għall-finijiet tal-VAT fir-rigward tal-ammonti tal-pagamenti dovuti li ma sarux fil-perijodu bejn il-waqfien tal-ħlas u l-mument li fih ġie xolt il-kuntratt, sa fejn dan ix-xoljiment ma għandux effett retroattiv, kif tikkonferma klawżola f'dan il-kuntratt stess?

3) L-interpretazzjoni tal-Artikolu 90(2) tad-[Direttiva dwar il-VAT] tippermetti li jingħad li, f'każ bħal dak ineżami, hemm deroga mill-paragrafu 1 tal-istess dispożizzjoni?

4) L-interpretazzjoni tal-Artikolu 90(1) tad-[Direttiva dwar il-VAT] tippermetti li jingħad li l-kunċett ta' xoljiment użat f'din id-dispożizzjoni jkopri l-każijiet li fihom, fil-kuntest ta' kuntratt ta' leasing finanzjarju mingħajr għażla, il-lessor ma jistax jibqa' jeżiġi mingħand il-lessee l-ħlas tal-pagamenti dovuti fir-rigward tal-leasing, u dan sa fejn xolja l-kuntratt ta' leasing minħabba li ma kienx ġie onorat min-naħa tal-lessee, iżda, skont il-kuntratt, ikollu dritt għal kumpens fl-ammont tal-pagamenti kollha fir-rigward tal-leasing li ma jkunux tħallsu u li jkunu dovuti sat-tmiem tal-perijodu tal-leasing?"

Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

30 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-dritt tal-Unjoni biss f'dak li jikkonċerna l-applikazzjoni tiegħu fi Stat Membru ġdid mid-data tal-adeżjoni ta' dan tal-aħħar mal-Unjoni Ewropea (sentenzi tal-15 ta' Settembru 2011, Słaby *et*, C-180/10 u C-181/10, EU:C:2011:589, punt 27, kif ukoll tal-21 ta' Novembru 2018, Vădan, C-664/16, EU:C:2018:933, punt 34).

31 Minn dan jirriżulta, b'mod partikolari, li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex il-ġurisdizzjoni sabiex tinterpreta d-direttivi tal-Unjoni dwar il-VAT meta l-perijodu ta' rkupru tat-taxxi inkwistjoni huwa qabel l-adeżjoni tal-Istat Membru kkonċernat mal-Unjoni (sentenza tas-27 ta' Ġunju 2018, Varna Holideis, C-364/17, EU:C:2018:500, punt 18).

32 Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni tinterpreta d-dritt tal-Unjoni meta l-fatti tat-tilwima fil-kawża prinċipali huma parzjalment wara d-data ta' adeżjoni tal-Istat Membru mal-Unjoni (sentenza tal-15 ta' April 2010, CIBA, C-96/08, EU:C:2010:185, punt 15) jew meta dawn jirriżultaw minn kuntratt konklużqabel l-adeżjoni tal-Istat Membru mal-Unjoni u li din is-sitwazzjoni kompliet ikollha effetti wara din id-data (ara, b'analoġija, fir-rigward ta' kuntratt ta' konċessjoni, is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016, Nemec, C-256/15, EU:C:2016:954, punti 22 u 23, kif ukoll, fir-rigward tal-kostituzzjoni, b'kuntratt, ta' drittijiet ta' użufrutt, is-sentenza tas-6 ta' Marzu 2018, SEGRO u Horváth, C-52/16 u C-113/16, EU:C:2018:157, punti 38 u 40).

33 F'dan il-każ, il-kuntratt ta' leasing finanzjarju ġie konkluż fi Frar 2006 u l-VAT saret dovuta b'effett mit-trasferiment fiżiku tal-oġġett li huwa s-suġġett tal-kuntratt f'Diċembru 2006. Il-fatti tat-tilwima fil-kawża prinċipali u l-perijodu ta' rkupru huma għalhekk preċedenti għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija mal-Unjoni, fl-1 ta' Jannar 2007.

34 Madankollu, dan kien kuntratt ta' eżekuzzjoni suċċessiva li kien jeżiġi lill-kerrej sabiex iħallas tul ħdax-il sena mit-28 ta' Diċembru 2006 kirjiet suġġetti għall-VAT. Għaldaqstant, is-sitwazzjoni li tirriżulta minn dan il-kuntratt kompliet ikollha effetti wara d-data tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija mal-Unjoni.

35 Għalhekk, fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi ta' dan il-kuntratt u l-persistenza tal-effetti legali tiegħu wara d-data tal-adeżjoni ta' dan l-Istat Membru mal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' domandi preliminari li jikkonċernaw il-konsegwenzi fiskali tal-eżekuzzjoni tiegħu.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

36 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 90(1) tad-Direttiva dwar il-VAT għandux jiġi interpretat fis-sens li jippermetti, fil-każ ta' xoljiment ta' kuntratt ta' leasing finanzjarju, tnaqqis tal-valur taxxabbli tal-VAT ikkalkulat fuq il-bażi ta' rata fissa permezz ta' avviż ta' reviżjoni fuq il-kirjiet kollha dovuti tul il-perijodu sħiħ tal-kuntratt, meta dan l-avviż ta' reviżjoni daħal fis-seħħ u għalhekk jikkostitwixxi "att amministrattiv stabbli" li jikkonstata dejn fiskali.

37 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 90(1) ta' din id-direttiva, li jirrigwarda l-każijiet ta' annullament, ta' xoljiment, ta' riżoluzzjoni, ta' nuqqas ta' ħlas sħiħ jew parzjali jew ta' tnaqqis fil-prezz wara l-mument li sseħħ it-tranżazzjoni, jobbliga lill-Istati Membri li jnaqqsu l-valur taxxabbli tal-VAT u, għaldaqstant, l-ammont tal-VAT dovut mill-persuna taxxabbli kull darba li, wara l-konklużjoni ta' tranżazzjoni, parti mill-korrispettiv jew il-korrispettiv kollu ma jinġabarx mill-persuna taxxabbli. Din id-dispożizzjoni tikkostitwixxi l-espressjoni ta' prinċipju fundamentali tad-Direttiva dwar il-VAT, li l-valur taxxabbli huwa kkostitwit mill-korrispettiv irċevut realment u li l-korollarju tiegħu huwa li l-amministrazzjoni fiskali ma tkunx tista' tiġbor, bħala VAT, ammont ikbar minn dak miġbur mill-persuna taxxabbli (sentenza tas-6 ta' Diċembru 2018, Tratave, C-672/17, EU:C:2018:989, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Għandu jitfakkar ukoll li għalkemm l-Istati Membri jistgħu jipprevedu, skont l-Artikolu 273 tad-Direttiva tal-VAT, l-obbligi li huma jqisu neċessarji sabiex jiġi żgurat il-ġbir eżatt tal-VAT u sabiex tiġi evitata l-frodi, dawn il-miżuri jistgħu, fil-prinċipju, jidderogaw mill-osservanza tar-regoli dwar il-valur taxxabbli biss fil-limiti strettament neċessarji sabiex jintlaħaq dan l-għan speċifiku. Fil-fatt, huma għandhom jaffettwaw l-inqas possibbli l-għanijiet u l-prinċipji tad-Direttiva dwar il-VAT u ma jistgħux, għalhekk, jintużaw b'mod li jqiegħdu f'dubju n-newtralità tal-VAT (sentenza tas-6 ta' Diċembru 2018, Tratave, C-672/17, EU:C:2018:989, punti 31 u 33).

39 Konsegwentement, il-formalitajiet li għandhom jiġu ssodisfatti mill-persuni taxxabbli sabiex jeżerċitaw, quddiem l-awtoritajiet fiskali, id-dritt li jsir tnaqqis tal-valur taxxabbli għall-VAT għandhom ikunu limitati għal dawk li jippermettu li jiġġustifikaw li, sussegwentement għall-konklużjoni tat-tranżazzjoni, parti mill-korrispettiv jew il-korrispettiv kollu ma jiġix miġbur definittivament. F'dan ir-rigward huma l-qrati nazzjonali li għandhom jivverifikaw li dan huwa l-każ ta' formalitajiet mitluba mill-Istat Membru kkonċernat (sentenza tas-6 ta' Diċembru 2018, Tratave, C-672/17, EU:C:2018:989, punt 34).

40 Issa, il-ħruġ ta' avviż ta' reviżjoni, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jistax jikkostitwixxi formalità maħsuba sabiex tiġi żgurata l-impożizzjoni u ġbir korrett tat-taxxa u sabiex tiġi evitata l-frodi fis-sens tal-Artikolu 273 tad-Direttiva dwar il-VAT.

41 Għalhekk, il-ħruġ ta' avviż ta' reviżjoni, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma jistax, fih innifsu, ikun ta' natura li jiġġustifika li l-persuna taxxabbli ma tkunx tista' titlob iktar, sussegwentement, id-dritt tagħha li tnaqqas il-valur taxxabbli tal-VAT fil-każ ta' xoljiment tal-kuntratt.

42 Dan huwa l-każ ukoll, fid-dawl tal-prinċipji mfakkra iktar 'il fuq, anki fil-każ li, kif tenfasizza l-qorti tar-rinviju, l-avviż ta' reviżjoni jkun, skont ir-regoli nazzjonali, kiseb natura "stabbli", jiġifieri li dan ma jkunx jista' jiġi kkontestat iktar.

43 Minn dan isegwi li r-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 90(1) tad-Direttiva dwar il-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti, fil-każ ta' xoljiment ta' kuntratt ta' leasing finanzjarju, tnaqqis tal-valur taxxabbli tal-VAT ikkalkulat fuq il-bażi ta' rata fissa permezz ta' avviż ta' reviżjoni fuq il-kirjiet kollha dovuti tul il-perijodu sħiħ tal-kuntratt, meta dan l-avviż ta' reviżjoni jkun daħal fis-seħħ u għalhekk jikkostitwixxi "att amministrattiv stabbli" li jikkonstata dejn fiskali b'applikazzjoni tad-dritt nazzjonali.

Fuq it-tieni sar-raba' domanda

Fuq l-ammissibbiltà tar-raba' domanda

44 Il-Gvern Bulgaru jsostni li r-raba' domanda hija inammissibbli. Minn naħa, il-klawżola li tipprevedi kumpens fil-każ ta' xoljiment tal-kuntratt minħabba nuqqas ta' eżekuzzjoni inġustifikabbli hija invalida minħabba li tmur kontra l-ordni pubbliku fid-dritt nazzjonali. Min-naħa l-oħra, din id-domanda tirrigwarda kuntratt ta' leasing finanzjarju mingħajr għażla, filwaqt li l-kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali jinkludi speċifikament għażla ta' xiri.

45 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha tkun tressqet il-kawża u li għandha tassumi r-responsabbiltà tad-deċiżjoni ġudizzjarja li għandha tingħata, li għandha tevalwa, fid-dawl tal-karatteristiċi tal-kawża, kemm in-neċessità ta' deċiżjoni preliminari sabiex tkun tista' tagħti s-sentenza tagħha kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja. Konsegwentement, peress li d-domandi magħmula jirrigwardaw l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja hija, bħala regola ġenerali, marbuta tagħti deċiżjoni (sentenza tal-5 ta' Marzu 2019, Eesti Pagar, C-349/17, EU:C:2019:172, punt 47).

46 Minn dan isegwi li d-domandi relatati mal-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni magħmula mill-qorti nazzjonali fil-kuntest tal-qafas regolamentari u fattwali li hija tiddefinixxi taħt ir-responsabbiltà tagħha stess, u li l-eżattezza tagħhom ma għandhiex tiġi vverifikata mill-Qorti tal-Ġustizzja, jibbenefikaw minn preżunzjoni ta' rilevanza. Ir-rifjut, mill-Qorti tal-Ġustizzja, ta' talba mressqa minn qorti nazzjonali huwa possibbli biss meta jkun jidher b'mod manifest li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mitluba ma għandha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tat-tilwima fil-kawża prinċipali, meta l-problema tkun ta' natura ipotetika jew inkella meta l-Qorti tal-Ġustizzja ma jkollhiex il-punti ta' fatt u ta' liġi neċessarji sabiex tirrispondi b'mod utli għad-domandi li jkunu sarulha (sentenza tat-23 ta' Jannar 2019, M.A. *et*, C-661/17, EU:C:2019:53, punt 50).

47 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet ripetutament li ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, li għandha tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali u li għandha tiddeċiedi jekk l-interpretazzjoni li tagħti l-qorti

nazzjonali hijiex korretta, peress li tali interpretazzjoni taqa' fil-kompetenza esklużiva tal-qrati nazzjonali (sentenzi tas-16 ta' Frar 2017, IOS Finance EFC, C-555/14, EU:C:2017:121, punt 21, kif ukoll tal-14 ta' Ġunju 2017, Online Games *et*, C-685/15, EU:C:2017:452, punt 45).

48 Fl-aħħar nett, huwa paċifiku li, fil-kuntest tal-Artikolu 267 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tapplika r-regoli tad-dritt tal-Unjoni għal każ speċifiku. Għaldaqstant, hija l-qorti tar-rinviju li għandha twettaq il-klassifikazzjonijiet legali neċessarji għas-soluzzjoni tat-tilwima fil-kawża prinċipali. Għall-kuntrarju, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tagħti l-indikazzjonijiet neċessarji sabiex tiggwidaha f'din l-evalwazzjoni, filwaqt li tifformula mill-ġdid, jekk ikun il-każ, id-domanda li tkun saritilha (sentenza tat-2 ta' Lulju 2015, NLB Leasing, C-209/14, EU:C:2015:440, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 F'dan il-każ, il-Gvern Bulgaru jsostni li l-klawżola li tipprevedi kumpens fil-każ ta' xoljiment tal-kuntratt għal nuqqas ta' eżekuzzjoni inġustifikabbli hija invalida minħabba li tmur kontra l-ordni pubbliku fid-dritt nazzjonali. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali, u lanqas ma għandha taċċerta ruħha dwar l-eżattezza tal-qafas regolamentari u fattwali ddefinit mill-qorti tar-rinviju.

50 Barra minn hekk, mill-proċess quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, kif jirrileva l-Gvern Bulgaru, jirriżulta li l-kuntratt ta' leasing finanzjarju inkwistjoni fil-kawża prinċipali jinkludi għażla ta' xiri. Madankollu, ir-riferiment, *prima facie* żbaljat, f'parti tad-domanda preliminari għall-assenza ta' għażla ma huwiex ta' natura li jirrendi d-domanda preliminari magħmula purament ipotetika. Barra minn hekk, hija l-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, li għandha tipprovdi risposta utli lill-qorti tar-rinviju filwaqt li tifformula mill-ġdid, jekk ikun il-każ, id-domanda li tkun saritilha.

51 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-raba' domanda, li ser titqies mill-Qorti tal-Ġustizzja bħala li tirrigwarda, kif tindika l-qorti tar-rinviju fil-punt 4 tad-digriet tar-rinviju tagħha, kuntratt ta' leasing finanzjarju b'għażla ta' xiri, hija ammissibbli.

Fuq il-mertu

52 Permezz tat-tieni sar-raba' domanda tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-Artikolu 90 tad-Direttiva dwar il-VAT għandux jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, hemm "xoljiment" jew "nuqqas ta' pagament" li jista' jkun kopert mid-deroga mill-obbligu ta' tnaqqis tal-valur taxxabbli tal-VAT, previst fil-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, minn naħa, fl-assenza ta' pagament ta' parti mill-kirjiet dovuti taħt kuntratt ta' leasing finanzjarju għall-perijodu bejn il-waqfien tal-pagamenti u x-xoljiment tal-kuntratt, sakemm dan ix-xoljiment ma jkollux effett retroattiv, u, min-naħa l-oħra, fl-assenza ta' pagament ta' kumpens dovut fil-każ ta' xoljiment qabel iż-żmien tal-kuntratt u li jikkorrispondi għas-somma tal-kirjiet kollha mhux imħallsa sat-tmiem ta' dan il-kuntratt.

53 L-Artikolu 90(2) tad-Direttiva dwar il-VAT jippermetti lill-Istati Membri, fil-każ ta' nuqqas ta' pagament totali jew parzjali tal-prezz, li jidderogaw mir-regola mfakkra fil-punt 37 ta' din is-sentenza li abbażi tagħha huma obbligati li jnaqqsu l-valur taxxabbli kif xieraq kull meta, wara l-konklużjoni ta' tranżazzjoni, parti minn jew il-korrispettiv kollu ma jkunx inġabar mill-persuna taxxabbli.

54 Kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, din il-possibbiltà ta' deroga, li hija strettament limitata għall-każijiet ta' nuqqas ta' pagament totali jew parzjali, hija bbażata fuq l-idea li n-nuqqas ta' pagament tal-korrispettiv jista', f'ċerti ċirkustanzi u minħabba s-sitwazzjoni ġuridika eżistenti fl-Istat Membru kkonċernat, ikun diffiċli li jiġi vverifikat jew ikun biss provviżorju (sentenza tat-23 ta' Novembru 2017, Di Maura, C-246/16, EU:C:2017:887, punt 17).

55 Fil-fatt, in-nuqqas ta' ħlas tal-prezz ta' xiri ma jpoġġix lill-partijiet fl-istat li kienu qabel il-konklużjoni tal-kuntratt. Minn naħa, ix-xerrej jibqa', tal-inqas, responsabbli għall-prezz sħiħ inizjalment miftiehem fil-każ ta' nuqqas ta' pagament totali jew parzjali tal-prezz li jkun fadal fil-każ ta' nuqqas ta' pagament parzjali. Min-naħa l-oħra, il-bejjiegħ għandu dejjem, bħala prinċipju, id-dejn tiegħu u jista' jinvoka dan il-fatt f'qorti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2017, Lombard Ingatlan Lízing, C-404/16, EU:C:2017:759, punt 29).

56 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għalkemm il-kliem "annullament", "riżoluzzjoni" u "xoljiment" jirreferu għal sitwazzjonijiet li fihom l-obbligu tad-debitur li jħallas id-dejn tiegħu huwa jew kompletament mitluf jew iffissat f'livell definittiv speċifiku, in-nuqqas ta' pagament huwa kkaratterizzat mill-inċertezza inerenti fin-natura mhux definittiva tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2017, Lombard Ingatlan Lízing, C-404/16, EU:C:2017:759, punti 30 u 31).

57 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kirjiet dovuti għall-perijodu bejn il-waqfien tal-pagamenti u x-xoljiment tal-kuntratt ta' leasing finanzjarju inkwistjoni, għandu jiġi rrilevat li, f'dan il-każ, sid il-kera xolja dan il-kuntratt mis-6 ta' Ġunju 2015. Madankollu, peress li x-xoljiment japplika għall-futur biss, b'applikazzjoni tal-Artikolu 88 taż-ZZD, l-iskadenzi tal-kuntratt ta' leasing finanzjarju mhux imħallsa mill-kerrej qabel id-data tax-xoljiment għandhom jibqgħu dovuti u sid il-kera għandu dejjem, bħala prinċipju, id-dejn tiegħu li jista' jinvoka f'qorti.

58 Għaldaqastant, it-tnaqqis korrispondenti tal-valur taxxabbli tal-VAT fil-każ ta' xoljiment previst fl-Artikolu 90(1) tad-Direttiva dwar il-VAT ma japplikax għal tali dejn, li ma huwiex affettwat mix-xoljiment tal-kuntratt ta' leasing finanzjarju.

59 Minn dan jirriżulta li l-assenza ta' pagament ta' parti mill-iskadenzi dovuti għall-perijodu qabel ix-xoljiment tal-kuntratt jikkostitwixxi każ ta' nuqqas ta' pagament parzjali, fis-sens tal-Artikolu 90(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, li abbażi tiegħu l-Istat Membru kkonċernat jista', kif jirriżulta mill-punti 53 u 54 ta' din is-sentenza, jeżerċita possibbiltà ta' deroga tiegħu mill-obbligu ta' tnaqqis tal-valur taxxabbli previst fil-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu.

60 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li dispożizzjoni nazzjonali li, fil-lista tas-sitwazzjonijiet li fihom il-valur taxxabbli jiġi mnaqqas, ma tinkludix dik tan-nuqqas ta' pagament tal-prezz tat-tranżazzjoni għandha tiġi kkunsidrata bħala r-riżultat tal-eżerċizzju, mill-Istat Membru, tal-possibbiltà ta' deroga li ġiet mogħtija lilu skont l-Artikolu 90(2) tad-Direttiva dwar il-VAT (sentenza tal-15 ta' Mejju 2014, Almos Agrárkülkereskedelmi, C-337/13, EU:C:2014:328, punt 24).

61 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tiddikjara li d-dritt Bulgaru ma jinkludix dispożizzjonijiet li jippermettu t-tnaqqis tal-valur taxxabbli tal-VAT fil-każ ta' nuqqas ta' pagament, peress li l-Artikolu 115 taż-ZDDS jipprevedi tali korrezzjoni biss fil-każ ta' annullament jew ta' xoljiment. Għaldaqstant, ir-Repubblika tal-Bulgarija għandha titqies li eżerċitat il-possibbiltà ta' deroga tagħha mill-obbligu ta' tnaqqis tal-valur taxxabbli fil-każ ta' nuqqas ta' pagament, b'tali mod li sid il-kera ma jkunx jista' jinvoka tali dritt.

62 Madankollu, l-inċertezza ta' rkupru tal-ammonti dovuti tista' tiġi kkunsidrata, skont il-prinċipju ta' newtralità fiskali, billi l-persuna taxxabbli tiġi mċaħħda mid-dritt tagħha għal tnaqqis fil-valur taxxabbli sakemm id-dejn ma jkunx definittivament irrekuperabbli. Iżda tista' tittieħed inkunsiderazzjoni wkoll billi jingħata t-tnaqqis meta l-persuna taxxabbli tipprova li hemm probabbiltà raġonevoli li d-dejn ma huwiex ser jitħallas, bir-riskju li l-valur taxxabbli jiġi evalwat mill-ġdid u jkun ogħla fil-każ fejn il-ħlas isir minkejja kollox. Huma l-awtoritajiet nazzjonali li għandhom jiddeterminaw, fl-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità u taħt l-istħarriġ ta' qorti, il-provi ta' tul estiż probabbli tan-nuqqas ta' ħlas li għandhom jiġu pprovduti mill-persuna taxxabbli skont il-partikolaritajiet tad-dritt nazzjonali applikabbli. Tali metodu huwa wkoll effettiv sabiex jintlaħaq

l-għan intiż filwaqt li huwa inqas restrittiv għall-persuna taxxabbli, li tiżgura l-prefinanzjament tal-VAT billi tiġborha f'isem l-Istat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' Novembru 2017, Di Maura, C-246/16, EU:C:2017:887, punt 27).

63 F'dan ir-rigward, ġie deċiż li tali konstatazzjoni tapplika iktar u iktar fil-kuntest ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li meta tiġi applikata, iċ-ċertezza li d-dejn definittivament ma jistax jinġabar tkun tista' tinkiseb biss, fil-prattika, wara bejn wieħed u ieħor għaxar snin. Tali terminu huwa, fi kwalunkwe każ, ta' natura li jikkawża lill-imprendituri, meta jkollhom quddiemhom sitwazzjoni ta' nuqqas ta' ħlas ta' fattura, żvantaġġ f'termini ta' likwidità meta mqabbla mal-kompetituri tagħhom fi Stati Membri oħra li huma manifestament ta' natura li jfixklu l-għan ta' armonizzazzjoni fiskali intiż mid-Direttiva dwar il-VAT (sentenza tat-23 ta' Novembru 2017, Di Maura, C-246/16, EU:C:2017:887, punt 28).

64 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-kerrej waqaf iħallas l-iskadenzi dovuti minn April 2009, jiġifieri kważi disa' snin fid-data tad-deċiżjoni tar-rinviju. Issa, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-assenza ta' rkupru mill-persuna taxxabbli tal-ammonti dovuti lilha tul perijodu estiż iwassal sabiex jiġi kkunsidrat li teżisti probabbiltà raġonevoli li d-dejn ma huwiex ser jitħallas, fatt li għandu jiġi żgurat mill-awtoritajiet nazzjonali, taħt l-istħarriġ tal-qorti, fid-dawl tal-provi prodotti għal dan il-għan.

65 F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li l-possibbiltà ta' deroga prevista fl-Artikolu 90(2) tad-Direttiva dwar il-VAT ma hijiex intiża sabiex tiġġieled l-inċertezza marbuta mal-irkupru tal-ammonti dovuti, hija ma tistax tiġi applikata f'sitwazzjoni bħal din inkwistjoni fil-kawża prinċipali, bla ħsara għall-possibbiltà li l-valur taxxabbli jista' jiġi evalwat mill-ġdid u jkun ogħla fil-każ fejn il-ħlas isir minkejja kollox.

66 Fir-rigward, fit-tieni lok, tal-kumpens dovut fil-każ ta' xoljiment qabel iż-żmien tal-kuntratt, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-kuntratt ta' leasing finanzjarju kien jistipula li sid il-kera seta' jeżiġi mill-kerrej, fil-każ ta' xoljiment minħabba nuqqas ta' eżekuzzjoni inġustifikabbli, il-pagament ta' kumpens ugwali għas-somma tal-kirjiet kollha mhux imħallsa għat-tul kollu tal-kuntratt, imnaqqas bil-valur residwu tal-assi u tat-tariffa annwali kkalkolata abbażi tar-rata ta' interessi applikabbli għall-finanzjament tat-tranżazzjoni. Minn dan jirriżulta li l-iskadenzi tal-kuntratt ta' leasing finanzjarju jistgħu jitqiesu bħala dovuti biss wara d-data tax-xoljiment tiegħu, suġġett għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet nazzjonali kuntrarji.

67 F'dan ir-rigward, id-Direktor, il-Gvern Bulgaru u l-Kummissjoni Ewropea jsostnu li l-pagament miftiehem bħala kumpens ma jikkostitwixxix realment kumpens ta' xoljiment, iżda r-remunerazzjoni tat-tranżazzjoni li hija s-suġġett tal-kuntratt u hija suġġetta bħala tali għall-VAT.

68 Għandu jitfakkar ukoll li skont l-Artikolu 2(1)(a) u (c) tad-Direttiva dwar il-VAT, huma suġġetti għall-VAT il-provvisti ta' oġġetti u l-provvisti ta' servizzi bi ħlas fit-territorju ta' Stat Membru minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali.

69 Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-klassifikazzjoni ta' "tranżazzjoni bi ħlas" tippreżupponi biss l-eżistenza ta' rabta diretta bejn il-provvista ta' oġġetti jew il-provvista ta' servizzi u korrispettiv effettivament irċevut mill-persuna taxxabbli. Tali rabta diretta hija stabbilita meta jkun hemm relazzjoni legali bejn il-prestatarju u l-benefiċjarju li matulha jkun hemm skambju ta' servizzi reċiproċi, fejn ir-remunerazzjoni li jirċievi l-prestatarju tkun il-korrispettiv effettiv tas-servizz mogħti lill-benefiċjarju (sentenza tal-10 ta' Jannar 2019, A, C-410/17, EU:C:2019:12, punt 31).

70 B'mod iktar partikolari, ġie deċiż li l-ammont predeterminat irċevut minn operatur ekonomiku f'każ ta' xoljiment qabel iż-żmien mill-klijent tiegħu, jew għal raġuni imputabbli lil dan tal-aħħar, ta' kuntratt ta' provvista ta' servizzi li jistabbilixxi perijodu minimu ta' impenn, liema ammont jikkorrispondi għall-ammont li dak l-operatur kien jirċievi matul il-bqija tal-perijodu msemmi fl-assenza ta' tali xoljiment, għandu jitqies bħala remunerazzjoni għal provvista ta' servizzi mwettqa bi ħlas u suġġetta bħala tali għall-VAT, minkejja li tali xoljiment jimplika d-diżattivazzjoni tal-prodotti u servizzi previsti

mill-kuntratt qabel it-tmiem tal-perijodu minimu ta' impenn miftiehem (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Novembru 2018, MEO – Serviços de Comunicações e Multimédia, C-295/17, EU:C:2018:942, punti 12, 45 u 57).

71 F'dan il-każ, fir-rigward qabelxejn, tal-kundizzjoni relatata mal-eżistenza ta' servizzi reċiproċi li jistabbilixxu rabta diretta bejn is-servizz mogħti u l-korrispettiv irċevut, għandu jiġi rrilevat li l-pagament, bħala kumpens ta' xoljiment, tal-iskadenzi inkwistjoni huwa element kostituttiv tal-kuntratt sa fejn l-eżistenza tar-rabta legali li torbot lill-partijiet tiddependi fuq il-pagament tal-imsemmija skadenzi.

72 Fil-fatt, mill-elementi li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fil-kuntest tal-kuntratt ta' leasing finanzjarju inkwistjoni, sid il-kera kien intrabat li jixtri biċċa art indikata mill-kerrej, li jibni binja fuq din l-art u li jqiegħed dan kollu għad-dispożizzjoni tal-kerrej. Min-naħa tiegħu, il-kerrej kellu jħallas kera mensili ta' EUR 833.78 għal 132 xahar, jiġifieri ħdax-il sena, b'tali mod li tiġi ffinanzjata t-tranżazzjoni skont l-iskeda annessa ma' dan il-kuntratt. Permezz ta' ftehim tad-29 ta' Ottubru 2010, il-partijiet ikkonstataw barra minn hekk li l-bini tal-proprjetà mikrija kien tlesta.

73 Barra minn hekk, l-ammont dovut fil-każ ta' xoljiment tal-kuntratt qabel iż-żmien miftiehem jikkorrispondi biss, kif ġie indikat fil-punt 66 ta' din is-sentenza, għas-somma tal-kirjiet kollha mhux imħallsa għat-tul kollu tal-kuntratt. Huma eskluži minnu kemm it-tariffa annwali kkalkulata fuq il-bażi tar-rati ta' interessi applikabbli għall-finanzjament tat-tranżazzjoni, kif ukoll il-valur residwu tal-assi li kien ikun dovut biss fil-każ ta' revoka tal-għażla. Għaldaqstant, il-ħlas tal-ammont dovut fil-każ ta' xoljiment qabel iż-żmien tal-kuntratt jippermetti lil sid il-kera jirċievi l-istess dħul li kien jirċievi fl-assenza tiegħu. Minn dan isegwi li, fil-kuntest ta' kuntratt tat-tip bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ix-xoljiment ma jbiddilx ir-realtà ekonomika tar-relazzjoni kuntrattwali.

74 Għalhekk, għandu jiġi kkunsidrat li, f'kuntratt bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-korrispettiv tal-ammont imħallas mill-kerrej lil sid il-kera huwa kkostitwit mid-dritt tal-kerrej li jibbenefika mill-eżekuzzjoni, minn dan l-operatur, tal-obbligi speċifiċi li jirriżultaw mill-kuntratt, anki jekk il-kerrej ma jixtieqx jew ma jistax jeżerċita dan id-dritt għal raġuni imputabbli lilu. Fil-fatt, huwa irrilevanti jekk il-kerrej kellux jew le l-proprjetà mid-data tax-xoljiment tal-kuntratt, sakemm sid il-kera poġġa lill-kerrej f'pożizzjoni li jkun jista' jibbenefika mis-servizzi li jirriżultaw mill-kuntratt, u dan peress li l-waqfien tagħhom ma huwiex attribwibbli lilu.

75 F'dak li jirrigwarda l-kundizzjoni li l-ammonti mħallsa jikkostitwixxu l-korrispettiv effettiv għal servizz individwabbli, għandu jitfakkar li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-obbligi ta' sid il-kera u l-ammont iffatturat lill-kerrej fil-każ ta' xoljiment qabel iż-żmien tal-kuntratt kienu ddeterminati fil-mument tal-konklużjoni ta' dan il-kuntratt. Barra minn hekk, l-ammont dovut fil-każ ta' xoljiment qabel iż-żmien jikkorrispondi għall-ammont totali tal-pagamenti mensili dovuti, li jsiru immedjatament eżiġibbli mingħajr ma tinbidel ir-realtà ekonomika tar-relazzjoni kuntrattwali.

76 Minn dan jirriżulta li l-ammont dovut fil-każ ta' xoljiment minn qabel għandu jitqies bħala parti integrali mill-ammont totali li l-kerrej kien intrabat li jħallas għall-eżekuzzjoni, minn sid il-kera, tal-obbligi kuntrattwali tiegħu.

77 Il-fatt li l-amministrazzjoni fiskali Bulgara kkalkulat il-VAT fuq valur taxxabbli ugwali għas-somma tal-kirjiet kollha dovuti tul il-perijodu sħiħ tal-kuntratt, li jidher li ma ġiex ikkontestat minn Bulus, jikkonferma li l-ammonti inkwistjoni jikkostitwixxu l-korrispettiv ta' servizz awtonomu u individwabbli.

78 Konsegwentement, kumpens ta' xoljiment bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandu jitqies li jikkostitwixxi r-remunerazzjoni għat-tranżazzjoni li hija s-suġġett tal-kuntratt ta' leasing finanzjarju u huwa suġġett bħala tali għall-VAT.

79 Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi ddeterminat jekk hemmx "xoljiment" jew "nuqqas ta' pagament", fis-sens tal-Artikolu 90(1) tad-Direttiva dwar il-VAT, fl-assenza ta' pagament tal-iskadenzi li jikkorrispondu għas-somma tal-kirjiet kollha mhux imħallsa mix-xoljiment sat-tmiem tal-kuntratt.

80 Kif jirriżulta mill-punt 66 ta' din is-sentenza, tali ammonti jistgħu jitqiesu bħala dovuti, b'tali mod li sid il-kera dejjem għandu, bħala prinċipju, id-dejn tiegħu u jista' jinvoka dan il-fatt f'qorti. Fil-fatt, l-irkupru tal-iskadenzi dovuti għall-perijodu wara x-xoljiment tal-kuntratt huwa, *prima facie*, inċert.

81 Barra minn hekk, peress li l-persuna taxxabbli turi l-eżistenza ta' probabbiltà raġonevoli li d-dejn korrispondenti għall-iskadenzi dovuti qabel ix-xoljiment tal-kuntratt ma huwiex ser jitħallas, fid-dawl tal-assenza ta' rkupru tal-ammonti dovuti matul kważi disa' snin, li hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika, għandu jiġi kkunsidrat, f'tilwima bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tali probabbiltà tapplika wkoll għall-iskadenzi dovuti wara x-xoljiment tal-kuntratt.

82 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-possibbiltà ta' deroga, prevista fl-Artikolu 90(2) tad-Direttiva dwar il-VAT, ma tistax tiġi applikata għall-perijodu sussegwenti għax-xoljiment tal-kuntratt, bla ħsara għall-possibbiltà li l-valur taxxabbli jiġi evalwat mill-ġdid u jkun ogħla fil-każ fejn il-ħlas isir minkejja kollox.

83 Minn dan isegwi li r-risposta għat-tieni sar-raba' domanda għandha tkun li l-Artikolu 90 tad-Direttiva dwar il-VAT għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-assenza ta' pagament ta' parti mill-kirjiet dovuti taħt kuntratt ta' leasing finanzjarju għall-perijodu bejn il-waqfien tal-pagamenti u x-xoljiment mhux retroattiv tal-kuntratt, minn naħa, u l-assenza ta' pagament ta' kumpens dovut fil-każ ta' xoljiment qabel iż-żmien tal-kuntratt u li jikkorrispondi għas-somma tal-kirjiet kollha mhux imħallsa sat-tmiem ta' dan il-kuntratt, min-naħa l-oħra, jikkostitwixxu każ ta' nuqqas ta' pagament li jista' jiġi kopert mid-deroga mill-obbligu ta' tnaqqis tal-valur taxxabbli tal-VAT, prevista fit-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu, sakemm il-persuna taxxabbli ma tipprovax probabbiltà raġonevoli li d-dejn ma huwiex ser jitħallas, li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Fuq l-ispejjeż

84 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 90(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud għandu jiġi interpretat fis-sens li jippermetti, fil-każ ta' xoljiment ta' kuntratt ta' leasing finanzjarju, tnaqqis tal-valur taxxabbli tat-taxxa fuq il-valur miżjud ikkalkulat fuq il-bażi ta' rata fissa permezz ta' avviż ta' reviżjoni fuq il-kirjiet kollha dovuti tul il-perijodu sħiħ tal-kuntratt, meta dan l-avviż ta' reviżjoni jkun daħal fis-seħħ u għalhekk jikkostitwixxi "att amministrattiv stabbli" li jikkonstata dejn fiskali b'applikazzjoni tad-dritt nazzjonali.**

2) **L-Artikolu 90 tad-Direttiva 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, l-assenza ta' pagament ta' parti mill-kirjiet dovuti taħt kuntratt ta' leasing finanzjarju għall-perijodu bejn il-waqfien tal-pagamenti u x-xoljiment mhux retroattiv tal-kuntratt, minn naħa, u l-assenza ta' pagament ta' kumpens dovut fil-każ ta' xoljiment qabel iż-żmien tal-kuntratt u li jikkorrispondi għas-somma tal-kirjiet kollha mhux imħallsa sat-tmiem ta' dan il-kuntratt, min-naħa l-oħra, jikkostitwixxu każ ta' nuqqas ta' pagament li jista' jiġi kopert mid-deroga mill-obbligu ta' tnaqqis tal-valur taxxabbli**

tat-taxxa fuq il-valur miżjud, prevista fit-tieni paragrafu ta' dan l-artikolu, sakemm il-persuna taxxabbli ma tipprovax probabbiltà raġonevoli li d-dejn ma huwiex ser jitħallas, li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Firem